**Żgħażugħ li ma tmut qatt**

Kont ħdejk f'dawk l-aħħar ħinijiet nifsijiet ta' ħajtek
Imdawwar bl-imħabba ta' dawk li jħobbuk,
Magħhom jien xerridt dmugħi meta rajtek
Qed tħallina u l-għeżież tiegħek jibkuk.

Emminni li għeb kliemi minn fuq fommi
Ma stajtx infendi kelma f'waqt hekk prezzjuż,
Għajr li nħares lejk waqt li nitlob l'Ommi
W Ommok tas-sema, lilek kienet qed tbuż.

Binha bqajt sal-aħħar, lilek ħadet ħsieb
Imxiet miegħek il-mixja kollha ħotob,
Żammiltek idejk f'tagħha u mort fis-sliem
Għax għalik is-sebħ ta' dejjem kien qorob.

Hekk issa dħalt tistrieħ fl-art tal-etern patt
Biex tgħix għal dejjem żgħażugħ li ma tmut qatt.

Patri Mario Attard OFM Cap
26 ta' Ġunju 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.